## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 222/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Angelo Gafa)**

**vs**

**Simon Spiteri**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Simon Spiteri, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 470763M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. F'dawn il-Gzejjer fid-29 ta' Awwissu 2007 u fil-jiem u x-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu minn ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra

sabiex igieghel jitwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' mija u tnejn u ghoxrin elf, tmin mija u erba' mitt ewro u sebgha u hamsin centezmu (€122,804.57) ghad-dannu ta' Diane Grech mis-Swieqi.

2. Aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe' ha u zamm ghandu l-ammont ta' mija u tnejn u ghoxrin elf, tmin mija u erba' mitt ewro u sebgha u hamsin centezmu (€122,804.57) ghad-dannu ta' Diane Grech mis-Swieqi.

3. Aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ircieva jew accetta xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal haddiehor bil-ghan li jezercita xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif jiddeciedi haddiehor.

4. Ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn dokument falz.

5. Aktar talli ikkometta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati b'sentenza taghha ta' nhar is-6 ta' Dicembru 2006, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-*Money Laudering,* Kapitlu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A (2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u sabiex f'kaz ta' htija, tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 23B tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta'

Malta, ukoll sabiex tikkundanna lill-hati ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-7 ta' Mejju, 2013 li biha filwaqt li illiberat lill-appellant mit-tieni u it-tielet imputazzjonijiet, sabitu hati tal-kumplament u ikkundannatu ghal perjodu ta' sena u nofs prigunerija. Inoltre bl-applikazzjoni tal-artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gabet fis-sehh is-sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-6 ta' Dicembru 2006 u ikkundannat lill-imputat ghal sena ohra prigunerija biex b'hekk l-appellant b'kollox irid jiskonta il-piena ta' sentejn u nofs prigunerija. Fit-termini tal-artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ikkundannat lil appellant ihallas lil Diane Grech is-somma ta' €122,805 u dana fi zmien tlett snin mid-data tas-sentenza u finalment skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 ordnat lil appellant ihallas lir-Registratur tal-Qorti is-somma ta' €565.83 in konnessjoni ma' spejjez peritali.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Simon Spiteri, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-16 ta' Mejju, 2013, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata billi, (1) **Tikkonfermaha** in kwantu l-ewwel Qorti lliberatu mit-tieni u t-tielet imputazzjoni, (2) **Tikkonfermaha** in kwantu astjeniet milli tiehu konjizzjoni tar-reat tal-frodi nnominat, u (3) **thassar u tirrevoka** l-parti tas-sentenza appellata fejn sabitu hati ghal bqija billi tiddikjarah mhux hati tal-akkuzi migjuba kontrih u minnhom tilliberah skont il-ligi, (4) **alternattivament** u minghajr pregudizzju ghat-talbiet precedenti f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, joghgobha **tirriforma** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi timponi sanzjoni aktar ekwa u gusta fic-cirkostanzi.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet lill-abbli difensur tal-appellant u lill-abbli rapprezentant tal-Avukat Generali;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-ewwel aggravju tal-appellant jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni, dik dwar frodi kontemplata fl-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali u jargumenta illi l-ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni zbaljat tal-ligi ghall-fatti partikolari tal-kaz. Il-lanjanza tal-appellant hija limitata ghall-fatt illi l-allegata vittma hija persuna ta' esperjenza kbira u kwalifikata fin-negozju u ghalhekk ma setax jirrizulta l-element ta' ingann rikjest mil-ligi u li l-provi juru li l-flus moghtija mill-vittma kienu ghal-skop ta' ghajnuna fuq bazi ta' hbiberija;
2. L-appellant jikkoncedi illi l-ewwel Qorti ghamlet analizi approfondita tal-ligi li tirregola l-frodi. Jokkorri ghalhekk issa, ezami tal-fatti bil-ghan li jkun accertat jekk l-ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha;
3. Kif jemergi mill-atti processwali, l-kwerelanta Diane Grech li dak iz-zmien kienet fin-negozju tal-fwejjah u kosmetici u fil-gestjoni ta' hwienet tad-*duty free* ukoll tal-imbejjed u tabakk u b'negozju ukoll gewwa l-Libja, kienet introdotta mal-appellant fis-sena 2007. Huma bdew minnufih jiddiskutu n-negozju taghha wara li zvelat mieghu li n-negozju taghha kien sofra xi telf bid-dhul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea. L-appellant qalilha li n-negozju fil-Libja ma kienx ta' min jafdah u li kien ahjar li tibda tinvesti fit-Tunezija fejn kellu kuntatti ma' nies

f'kariga gholja tant li kellu negozju li xtaq jibda fit-Tunezija konsistenti fil-gestjoni ta' sebat ihwienet duty free u hames lukandi ghall-bejgh ta' fwejjah, kosmetici, xorb u sigaretti;

4. Minn hemm 'l quddiem issoktaw laqghat bejniethom fejn l-appellant kien igib ruhu ta' bniedem ta' flus, inkluz il-mara tieghu li kienu jilbsu hwejjeg li jiswew il-flus u t-tnejn kellhom arlogg tal-marka Rolex. L-inkontri kienu jsiru fl-Executive Lounge tal-lukanda Hilton fejn kien jidher mgharuf mill-istaff li kellhom rispett lejh. L-appellant kien isemmi nies prominenti fit-Tunesia u zvela li kien xtara l-appartament ta' Gary Neville gewwa Portomaso u kellu lukanda ta' hames stilel barra Manchester li kienet tirrendilu tmien mitt elf sterlina fis-sena;

5. Waqt l-inkontri taghhom, l-appellant kien jircievi telefonati li jghid li kienu minghad certu Shedli li, skond hu, kien il-PRO tal-President tat-Tunesia. Sar inkontru ukoll mal-konsulent finanzjarju tal-appellant fejn assikuraha illi kien gia ghamel negozji ohra mal-appellant u li kellhom relazzjoni tajba bejniethom. L-appellant kien jitkellem dwar kemm kien stmat fit-Tunezia fejn kienet tigi *limousine* ghalih fuq ir-runway u li fil-vjaggi taghhom bejn ajruport u iehor kienu ser juzaw il-helicopter a spejjez ta' ministeru fit-Tunezija. Jidher illi mill-kliem l-appellant ghadda ghall-fatti u kien ipprezenta ftehim ghall-firma tal-kwerelanta dwar is-sebat ihwienet *duty free.* Hin minnhom l-appellant talab lill-kwerelanta li tisilfu s-somma ta' sebgha u tletin elf lira Maltin biex ma jitlifx x-xiri ta' proprjeta gewwa t-Tunezija peress illi aktar minn miljun lira Maltin li kien qed jistenna mill-Ingilterra kienu ghadhom ma waslulux. Hi hassitha li kellha tghinu sia biex tmexxi 'l quddiem l-progett fit-Tunezija kif ukoll minhabba l-biza li jista' ma jibqax jghinha fil-progett li issa sar ta' interess kbir ghaliha. Dawn il-flus ghaddithomlu permezz ta' cheques u qabel dan l-ammont kienet ghaddietlu ukoll hamsin elf Dollaru Amerikan biex ihallas lil-gvern Tunesin ghall-ipprocessar tal-applikazzjoni tal-hwienet *duy free*;

6. Il-kwerelanta tghid illi l-appellant kien jghaddilha e-mails li kien jircievi mit-Tunesia dwar in-negozju propost. Kienet saret midhla sew tal-familja tieghu u sahansitra impjegat lit-tifla tieghu biex thejjiha f'dan in-negozju fit-Tunesija fejn kienet sejra tghix ghal ftit zmien u accettat ukoll li maghha tibda tghix l-istess tifla tal-appellant;

7. Dawn il-kuntratti u l-emails jiffurmaw parti mill-atti processwali u kienu elevati mill-*computer* tal-appellant mit-Taqsima tac-Cyber Crime tal-Pulizija Ezekuttiva.

8. Issa, ghal dak li jirrigwarda l-elementi tar-reat ravvizat fl-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali li dwaru instab hati l-appellant, l-ewwel Qorti strahet maggorment fuq l-insenjament tas-sentenza ta' din il-Qorti preseduta mill-Imhallef Carmel A. Agius fl-ismijiet Il-Pulizija vs Charles Zarb tat-22 ta' Frar, 1993. Saret ukoll referenza ghas-sentenza Il-Pulizija vs Patrick Spiteri – App Krim 22.10.2004 u dik tal-Corte di Cassazione Penali – Sez.II 3 Ottubre 2006 n. 34179). Din il-Qorti hija perfettament konkordi mal-ewwel Qorti li l-gurisprudenza minnha citata taghti esposizzjoni cara tal-elementi tar-reat in kwistjoni. Izzid ma' dan, s-segwenti bran mis-sentenza ta' din il-Qorti tat-12 ta' Frar, 1999 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Anthony Francis Willoughby li fl-elokwenza taghha tispjega id-differenza bejn id-delitt ta' frodi (truffa) ex artikolu 308 u dak ta' frodi innominata ex artikolu 309 tal-Kodici Kriminali, jew ahjar il-frodi meta jsir bir-raggiri u artifizi kontra dak li jsir b'qerq ta' xorta ohra:

> **"Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qliegh ghall-agent (*Il-Pulizija vs Emmanuele Ellul*, App Krim., 20/6/97; ara wkoll *Il-Pulizija vs Daniel Frendo*, App Krim., 25/3/94*)*. Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent (*Il-Pulizija vs Carmel Cassar Parnis,* App Krim.,**

12/12/59, Vol XLIII.iv.1140). Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'"raggiri o artifizi" – dak li fid-dottrina jissejjah ukoll *mise en scene* - ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat) (ara, fost ohrajn, *Il-Pulizija vs Carmelo Cassar Parnis,* App. Krim., 31/10/59, Vol XLIII.iv.1137; *IL-Pulizija vs Francesca Caruana ,* App Krim., 25/7/53, Vol XXXVII.iv.1127; ara wkoll *Il-Pulizija vs Giuseppe Schrainer,* App Krim., 3/3/56".

9. Din is-sentenza kienet wisq drabi ccitata b'approvazzjoni mill-Qrati taghna u per ezemplari qed ssir referenza ghas-sentenzi **Il-Pulizija vs Carmela German 30.12.2004** u **Il-Pulizija vs Anthony Bezzina 24.11.2010.** Issa, l-ewwel- Qorti, fuq l-iskorta tas-sentenza minnha citata, wara li ezaminat wiehed wiehed l-elementi kollha tar-reat, sabet illi hemm konkorrenza fl-elementi kollha li jikkostitwixxu l-istess. L-ewwel Qorti korrettament kkunsidrat illi kien hemm l-hekk imsejjah *mise en scene* bl-uzu ta' ismijiet jew kwalifiki foloz, qerq jew ingann, wiri ta' haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji jew sabiex titqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika. Dawn ir-raggiri wahidhom ma jwasslux ghal-konsumazzjoni tar-reat sakemm, l-appellant, ma jkunx ghamel qliegh bit-telf tal-patrimonju tal-kwerelanta. L-appellant, kien sarraf kull *cheque* mahrug lilu hlief ghal-wiehed minnhom li xorta ghamel qliegh minnu billi utilizzah sabiex ihallas il-kera minnu dovuta u dan ghad-detriment dirett tal-kwerelanta;

10. Issa, l-appellant ha b'mod indebitu zewg ammonti ta' flus f'zewg okkazzjonijiet separati fejn dak rigward il-mitt elf lira maltin jista' jidher li ttiehed fuq semplici gidba u ghalhekk ipotizzat fir-reat minuri ta' frodi innominat ex artikolu 309 tal-Kodici Kriminali. Madankollu l-kwerelanta tqis illi vversat dak l-ammont ghaliex it-talba kienet prettament marbuta man-negozju fittizju fit-Tunezija u li jekk ma tislifx dak l-ammont tali negozju kien ser ikun pregudikat;

11. L-appellant jargumenta illi l-*modus operandi* tal-appellant ma kellux iqarraq bil-kwerelanta *qua* persuna intiza fid-dinja tan-negozju. Il-Qorti ma taqbel xejn ma' dan ghaliex l-appellant inoltra fi stratagema elaborata u mahsuba sew, akkompanjata b'dokumenti u emails fittizji ta' konvinciment. Ir-raggini tal-appellant kienu wkoll konvincenti ghall-awditur tieghu u s-socju tieghu fin-negozju li kien ilu jafu ghal tletin sena. Ma jirrizultax, anqas fuq bazi ta' probabilita', anke jekk verament remota, dak li l-appellant fl-aggravju tieghu jirreferi ghalih bhala *"ghoti ta' ghajnuna li saret fuq bazi ta' hbiberija".* L-ewwel aggravju ghalhekk qed ikun michud;

12. It-tieni aggravju tal-appellant huwa dwar ir-raba imputazzjoni, dik li tipotizza r-reat ta' falsifikazzjoni u/jew uzu ta' dokument falz kif ravvizat fl-artikolu 189 tal-Kodici Kriminali. L-appellant jargumenta illi ma jirrizultawx l-elementi rikjesti biex jirrafigura dan ir-reat mill-provi mressqa u b'mod partikolari li huwa mankanti l-element stabbilit fid-dottrina li d-dokument "must not only tell a lie but must tell a lie about itself";

13. Fil-konsiderazzjonijiet taghha rigward ir-raba' imputazzjoni, l-ewwel Qorti rragunat illi l-prosekuzzjoni kienet qed tirreferi ghal uhud minn 13-il email (Dok AG8) li l-appellant kien baghat lilu nnfissu u li sussegwentement ghadda lill-kwerelanta bil-konvinciment li kien ircevihom hu stess. L-ewwel Qorti ikkonkludiet illi sia l-email kif ukoll l-informazzjoni hemm kontenuta kienu foloz u ghalhekk sabet htija fl-appellant izda ghaddiet biex tqis d-delitt bhala mezz ghall-fini fit-termini tal-artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali;

14. Jemergi mill-provi in rigward ta' dan id-delitt illi dawn l-emails inholqu fuq il-computer tal-appellant u fuq l-*email account* tieghu stess. Huwa baghat dawn l-emails lilu nniffsu u malli ircevihom baghathom lill-kwerelanta, ossia ghamel *forward* taghhom lill-kwerelanta biex jghaddihom bhala emails li hu stess ircieva minghand il-kontro-parti tieghu fit-Tunezia. Kwantu l-kontenut tal-emails, dak a fol 32 juri itinerarju ghal-vizita lejn it-Tunezija propost minn Kamal

Hanchiri liema vizita qatt ma sehhet minhabba diversi skuzi mill-appellant; dak a fol. 33 huwa itenerarju gdid b'talba li jkunu prezentati ritratti, *passport size* ta' kull vjaggatur u konferma tal-ismijiet ghas-soggorn fil-lukanda Golden Tulip Carthage. Dik a fol 37 suppost turi li mibghuta minn certu Walid lill-appellant u lil certu Chedly u Kamal bil-messagg li id-Direttur Generali ta' Tunis Carthage Airport kien involut f'incident awtomobilistiku serju fil-lejl ta' qabel u ghalhekk il-vizita qed tkun posposta. Dik a fol 38 suppost minghand Kamal Samarie tghid illi dan kien involuta f'hafna progetti mal-appellant f'dawn l-ahhar snin anke akbar minn dak propost u li hemm ma kellux ghalfejn jinkwieta ghaliex hadd ma seta jostakola lill-klijenta tieghu milli tiehu l-operat f'idejha. Certament ma hemmx htiega li din il-Qorti tinoltra aktar f'analizi ta' dawn l-emails;

15. Issa, l-artikolu 189 tal-Kodici Kriminali jipprovdi:

> **189. Kull min jaghmel falsifikazzjoni ohra jew xjentement jaghmel uzu minn xi dokument iehor falsifikat, mhux imsemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu, jehel il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sitt xhur, u jekk ikun ufficcjal jew impjegat pubbliku b'abbuz tal-kariga jew impjieg tieghu, il-piena tkun ta' prigunerija minn seba' xhur sa sena.**

16. Il-Professur Mamo, fin-Notes on Criminal Law – Revised Edition 1954-1955 a fol 153 et seq, jghallem li hlief ghal dak li jirrigwarda l-falsifikazzjoni ta' dokumenti pubblici u privati, l-Kodici Kriminali, bhal ligijiet li minn fuqhom kienu abbozzati l-artikoli tal-falsifikazzjoni, ma jipprovdux tifsira tal-istess. Huwa jiccita lill-Roberti u lill-Pessina li huma tal-fehma illi falsifikazzjoni tista' ssir b'zewg mezzi: jew billi jinholoq dokument interament jew parti minnu jew billi ssir alterazzjoni ta' dokument genwin. Itenni ukoll illi ma jistghax jonqos l-element formali tar-reat skond il-principju emergenti mid-dritt Ruman: "*non sine dolo male falsem".* L-ilment tal-appellant in rigward hu li kien nieqes dak l-element stabbilit mid-dottrina li d-dokument in

kwistjoni "must not tell a lie but must tell a lie about itself". Hawnhekk l-appellant qed jitkellem dwar wiehed mill-elementi kostituttivi tal-aspett materjali. Il-Professur Mamo (*op. Cit* a fol 161) jiccita l-awtur Kenny li jsostni li "*an instrument is not a forgery when it merely contains statements which are false, but only when it falsely purports to be itself that which it is not... Thus a forgery is a document which not only tells a lie, but tells a lie about itself*".

17. F'edizzjoni aktar ricenti tax-xoghol ta' Kenny, (Kenny's Outlines of Criminal Law – 19 Ed 1966 edited by J.W. Cecil Turner – Cambridge University Press) taht is-subtitolu THE FALSITY IS OF PURPORT, NOT OF CONTENTS, l-awtur jirritjeni hekk:

"A writing is not a forgery when it merely *contains* statements which are false, but only when it falsely purports to *be* itself that which it is not. Thus in *Re Windsor* it was declared: "Forgery is the false making of an instrument purporting to be that which it is not, it is not the making of an instrument which purports to be what it really is, but which contains false statements. Telling a lie does not become a forgery because it is reduced into writing". The simplest and the most effective phrase by which to express this rule is to state that for the purposes of the law of forgery the writing *must tell a lie about itself.*. Fil-kaz odjern, id-dokument juri li huwa email ricevut mill-appellant u l-kontenut tieghu huwa gidba. Sia d-dokument kif ukoll il-kontenut saru mill-appellant b'mod xjenti u ghalhekk jirrizultaw l-elementi kollha tar-reat kif ravvizat fl-artikolu 189 tal-Kodici Kriminali. Konsegwentement dan l-aggravju qed ikun michud;

18. Fit-tielet aggravju, l-appellant jargumenta illi l-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha fil-grad li huwa rikjest fil-kamp penali w cioe' minghajr dubju dettat mir-raguni. Il-Qorti jidhrilha illi l-kunsiderazzjonijiet dwar l-ewwel u t-tieni aggravji ikopru ukoll din il-lanjanza tal-appellant u ghalhekk ma hemmx htiega li tinoltra aktar in rigward;

19. Ir-raba' gravami tal-appellant imbaghad jirrigwarda l-ordni tal-ewwel Qorti li ddahhal fis-sehh sentenza ta' prigunerija sospiza fit-termini tal-artikolu 28B (1) tal-Kodici Kriminali. L-ewwel Qorti qieset lill-appellant recediv u li kkometta dawn ir-reati fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-6 ta' Dicembru 2006 b'kundanna ghall-perjodu ta' sena prigunerija sospizi ghal zmien sentejn fit-termini tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali (Dokument AG7 a fol 71). L-appellant jghid li dan ma setghax isehh ghaliex dik il-Qorti tal-Magistrati diversament preseduta kienet gia dahhlet dik is-sentenza fis-sehh;

20. Il-Qorti ezaminat il-fedina penali tal-appellant u ma jirrizultax dak allegat mill-appellant. Is-sentenza sospiza ex Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-6 ta' Dicembru, 2006 qatt ma kienet iddahhlet fis-sehh mill-Qrati f'sentenzi ohra u ghalhekk ma hemm xejn sindakabbli dwar din il-parti tas-sentenza appellata;

21. Fl-ahhar aggravju tieghu, l-appellant jargumenta illi l-piena erogata mill-ewwel Qorti kienet wahda eccessiva u mhux proporzjonata u ghalhekk talab li jkun hemm varjazzjoni in rigward. Dwar dan, tajjeb li jkun affermat dak wisq drabi ritenut mill-Qrati taghna illi ma huwiex normali li din il-Qorti, *qua* Qorti tal-Appell Kriminali, tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena sakemm din ma tkunx fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jiddimostra li kellha tkun anqas minn dik li tkun fil-fatt erogata (ara fost skorta ta' sentenzi in rigward: Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et. 2.10.2002; Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano 13.11.2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella 14.6.1999 u r-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina 24.4.2003 kif citati fis-sentenza ricenti Ir-Repubblika ta' Malta vs *ommisis* u Noel Frendo 3.12.2015). Meta jitqies illi l-ewwel imputazzjoni wahidha kienet soggetta ghal-prigunerija minn sena sa seba' snin u l-appellant kien ikkundannat ghal-terminu ta' sena u nofs prigunerija certament ma huwiex il-kaz li

din il-Qorti tikkontempla li tirradika konvinciment biex tirrimpjazza d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti;

22. Ghal dawn ir-ragunijiet l-appell qed ikun michud.